

6.3.2024

A9-0330/ 001-035

## **EMENDI 001-035**

mill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

### **Rapport**

**Anna Cavazzini**

**A9-0330/2023**

Emenda tar-Regolament (UE) 2019/1009 fir-rigward tat-tikkettar diġitali talprodotti fertilizzanti tal-UE

Proposta għal regolament (COM(2023)0098 – C9-0030/2023 – 2023/0049(COD))

---

### **Emenda 1**

#### **Proposta għal regolament**

##### **Premessa 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(2) Il-mod kif il-prodotti fertilizzanti tal-UE jiġu tikkettati f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1009 jenħtieġ li jkun adattat skont il-bidliet teknoloġiċi u soċjetali fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni.

*Emenda*

(2) Il-mod kif il-prodotti fertilizzanti tal-UE jiġu tikkettati f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1009 jenħtieġ li jkun adattat skont il-bidliet teknoloġiċi u soċjetali fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni, ***mingħajr ma jiġu kompromessi l-kwalità u l-aċċessibbiltà tal-informazzjoni bl-għan li jkun hemm forniment aħjar tal-informazzjoni, filwaqt li jitqiesu l-impatti fuq l-operaturi ekonomiċi u l-utenti finali u l-benefiċċji għalihom.***

### **Emenda 2**

#### **Proposta għal regolament**

##### **Premessa 3**

(3) L-għoti tal-informazzjoni fuq tikketta b'format diġitali (“tikketta diġitali”) jipprovdi benefiċċji ċari. It-tikkettar diġitali jista' jtejjeb il-komunikazzjoni tal-informazzjoni tat-tikkettar għax jevita li t-tikketti fiżiċi jkunu miżgħuda bil-kliem u għax jipprovdi bosta alternattivi ta' qari li huma disponibbli biss b'formati diġitali, bħat-*tkabbir tat-tipa*, *tiftix awtomatiku*, *loud speakers* jew traduzzjoni f'lingwi oħra. Barra minn hekk, it-tikkettar diġitali tal-prodotti fertilizzanti tal-UE jikkontribwixxi għall-progress attwali ***tad-diġitalizzazzjoni*** tas-settur agrikolu Ewropew ***u jista' jiffaċilita l-obbligi*** tar-rapportar tal-bdiewa fir-rigward tal-użu ta' dawn il-prodotti. It-tikkettar diġitali jista' jwassal ukoll għal immaniġġjar aktar effiċjenti tal-obbligi tat-tikkettar mill-operaturi ekonomiċi, billi jiffaċilita l-aġġornament tal-informazzjoni tat-tikkettar u jippermetti informazzjoni aktar immirata għall-utenti. Barra minn hekk, it-tikkettar diġitali jista' jgħin biex jonqsu l-kostijiet tat-tikkettar tul il-katina tal-provvista kollha, peress li t-tikketti tal-prodotti fertilizzanti tal-UE jistgħu jinbidlu wara tranżazzjoni bejn l-operaturi ekonomiċi, qabel ma jaslu għand l-utenti finali,

(3) L-għoti tal-informazzjoni fuq tikketta b'format diġitali (“tikketta diġitali”) jipprovdi benefiċċji ċari. It-tikkettar diġitali jista' jtejjeb il-komunikazzjoni tal-informazzjoni tat-tikkettar għax jevita li t-tikketti fiżiċi jkunu miżgħuda bil-kliem u għax jipprovdi bosta alternattivi ta' qari li huma disponibbli biss b'formati diġitali, bħat-*tkabbir tat-tipa*, *tiftix awtomatiku*, *loud speakers* jew traduzzjoni f'lingwi oħra. Barra minn hekk, it-tikkettar diġitali tal-prodotti fertilizzanti tal-UE jikkontribwixxi għall-progress attwali ***tat-trasformazzjoni diġitali u ekoloġika*** tas-settur agrikolu Ewropew, ***it-tnaqqis tal-iskart mill-imballaġġ u l-iffaċilitar tal-obbligi*** tar-rapportar tal-bdiewa fir-rigward tal-użu ta' dawn il-prodotti. It-tikkettar diġitali jista' jwassal ukoll għal immaniġġjar aktar effiċjenti tal-obbligi tat-tikkettar mill-operaturi ekonomiċi, billi jiffaċilita l-aġġornament tal-informazzjoni tat-tikkettar u jippermetti informazzjoni aktar immirata għall-utenti. ***Filwaqt li l-użu tat-tikketti diġitali jista' jegħleb il-limitazzjonijiet tal-ispazju meta mqabbel mat-tikketti fiżiċi billi jipprovdi informazzjoni dwar it-traċċabbiltà u jista' jnaqqas il-prezzijiet tal-fertilizzanti minn kostijiet aktar baxxi tat-tikkettar, madankollu jenħtieġ li tiġi evitata informazzjoni irrilevanti jew mhux meħtieġa, sabiex tiġi żgurata l-aħjar kwalità ta' informazzjoni essenzjali għall-utenti.*** Barra minn hekk, it-tikkettar diġitali jista' jgħin biex jonqsu l-kostijiet tat-tikkettar tul il-katina tal-provvista kollha, peress li t-tikketti tal-prodotti fertilizzanti tal-UE jistgħu jinbidlu wara tranżazzjoni bejn l-operaturi ekonomiċi, qabel ma jaslu għand l-utenti finali,

### Emenda 3

## Proposta għal regolament

### Premessa 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(4) Iżda t-tikkettar diġitali jista' joħloq ukoll sfidi ġodda għall-gruppi vulnerabbli tal-popolazzjoni, b'mod partikolari għall-persuni mingħajr ħliet diġitali jew ***b'nuqqas ta' ħliet diġitali biżżejjed*** jew għall-persuni b'diżabbiltà, u ***b'hekk jaggrava l-qasma*** diġitali. Għalhekk, fir-Regolament (UE) 2019/1009 jenħtieġ li jiddaħħal it-tikkettar diġitali, f'ċerti kundizzjonijiet, filwaqt li titqies il-ħtieġa li jkun żgurat livell għoli ta' protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, u ***r-rieda*** diġitali.

#### *Emenda*

(4) Iżda t-tikkettar diġitali jista' joħloq ukoll sfidi ġodda, ***b'waħda minnhom tkun il-possibbiltà li t-tikkettar diġitali se joħloq problemi*** għall-gruppi vulnerabbli tal-popolazzjoni, b'mod partikolari għall-persuni mingħajr ***aċċess jew*** ħliet diġitali, jew ***b'aċċess jew*** b'ħliet diġitali ***insuffiċjenti għall-apparati diġitali meħtieġa biex jiġu rkuprati t-tikketti diġitali, u*** għall-persuni b'diżabbiltà, u ***dawn il-gruppi ma jitħallewx jiksbu b'mod faċli informazzjoni essenzjali, bħal prekawzjonijiet tas-sikurezza, struzzjonijiet dwar l-użu jew impatt ambjentali, li fl-aħħar mill-aħħar jaggravaw il-qasma*** diġitali. Għalhekk, fir-Regolament (UE) 2019/1009 jenħtieġ li jiddaħħal it-tikkettar diġitali, f'ċerti kundizzjonijiet ***u jenħtieġ li jkun mifhum u aċċessibbli b'mod faċli mill-gruppi vulnerabbli u l-persuni b'diżabbiltà,*** filwaqt li titqies il-ħtieġa li jkun żgurat livell għoli ta' protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, u ***l-prontezza*** diġitali, ***mingħajr ma jiżdedu l-kostijiet b'mod eċċessiv. Huwa vitali li s-sikurezza tal-utent ma tiġix kompromessa fil-proċess li jagħmel it-tikkettar aktar faċli għall-utent finali permezz ta' mezzi diġitali u li jitqiesu l-possibbiltajiet u l-ħliet tal-SMEs biex jiddiġitalizzaw it-tikketti.***

## Emenda 4

## Proposta għal regolament

### Premessa 5

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(5) Jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi jibqgħu liberi li jagħżlu jekk jipprovdux tikketta diġitali jew tikketta fiżika. Hekk niżguraw li ***dawn l-operaturi ekonomiċi***

#### *Emenda*

(5) Jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi jibqgħu liberi li jagħżlu jekk jipprovdux tikketta diġitali jew tikketta fiżika. Hekk niżguraw li ***huma*** jkollhom il-flessibbiltà

jkollhom il-flessibbiltà biex jagħżlu l-aktar regoli xierqa fis-sitwazzjoni tagħhom. Hu partikolarment importanti li ma jinħolqux kostijiet mhux ġustifikati għall-intrapriżi żgħar u **medji** li għalihom it-tikkettar diġitali jista' jkun diffiċli, **minħabba l-volumi jew it-tipi mnaqqa ta' prodotti fertilizzanti tal-UE**.

biex jagħżlu l-aktar regoli xierqa fis-sitwazzjoni tagħhom. Hu partikolarment importanti li ma jinħolqux kostijiet mhux ġustifikati għall-intrapriżi żgħar u **ta' daqs medju** li għalihom, **minħabba l-volumi jew it-tipi mnaqqa ta' prodotti fertilizzanti tal-UE**, it-tikkettar diġitali jista' jkun diffiċli. **Huwa importanti wkoll li tali intrapriżi jiġu appoġġati fil-forma ta' gwida u programmi ta' taħriġ sabiex tali intrapriżi jkunu jistgħu jiżviluppaw il-ħiliet u l-kapaċitajiet adegwati biex jikkonformaw ma' dan ir-Regolament.**

## Emenda 5

### Proposta għal regolament

#### Premessa 6

*Test propost mill-Kummissjoni*

(6) L-għażla li jipprovdu tikketta diġitali hi primarjament f'idejn il-manifatturi u l-importaturi, li huma responsabbli biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tat-tikkettar stabbiliti fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2019/1009. Iżda biex jiġi massimizzat l-użu tat-tikketti diġitali u b'hekk tittejjeb il-komunikazzjoni tal-informazzjoni lill-utenti, jenħtieġ li d-distributuri jkollhom ukoll il-possibbiltà li jiddiġitalizzaw it-tikketta tal-prodotti fertilizzanti tal-UE li huma jagħmlu disponibbli fis-suq, abbażi tal-informazzjoni diġà pprovduta mill-manifattur. L-iskala tat-tikkettar diġitali jenħtieġ li tibbaża fuq żewġ fatturi: jekk il-prodotti fertilizzanti tal-UE humiex disponibbli għall-operaturi ekonomiċi jew għall-utenti finali, u jekk il-prodotti jingħatawx f'imballaġġ jew mingħajru.

*Emenda*

(6) L-għażla li jipprovdu tikketta diġitali hi primarjament f'idejn il-manifatturi u l-importaturi, li huma responsabbli biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tat-tikkettar stabbiliti fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2019/1009, **jiżgura li jkunu jistgħu jagħmlu deċiżjonijiet infurmati li huma mfassla apposta għall-firxa ta' prodotti u għall-klijenti maħsuba tagħhom**. Iżda biex jiġi massimizzat l-użu tat-tikketti diġitali u b'hekk tittejjeb il-komunikazzjoni tal-informazzjoni lill-utenti, jenħtieġ li d-distributuri jkollhom ukoll il-possibbiltà li jiddiġitalizzaw it-tikketta tal-prodotti fertilizzanti tal-UE li huma jagħmlu disponibbli fis-suq, abbażi tal-informazzjoni diġà pprovduta mill-manifattur. **L-użu ta' tikketti diġitalizzati jenħtieġ li jitqies bħala parti minn approċċ kollaborattiv li jiżgura fluss konsistenti ta' informazzjoni preċiża tul il-katina tal-provvista**. L-iskala tat-tikkettar diġitali jenħtieġ li tibbaża fuq żewġ fatturi: jekk il-prodotti fertilizzanti tal-UE humiex disponibbli għall-operaturi ekonomiċi jew għall-utenti finali, u jekk il-prodotti jingħatawx f'imballaġġ jew mingħajru.

## Emenda 6

### Proposta għal regolament Premessa 7

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(7) L-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jitħallew jipprovdu l-elementi kollha tat-tikkettar imsemmija fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2019/1009 fuq tikketta diġitali biss għall-prodotti fertilizzanti tal-UE fornuti lil operaturi ekonomiċi oħra, f'imballaġġ jew mingħajru. L-użu tat-tikketti diġitali f'każijiet bħal dawn jista' jnaqqas **il-kostijiet** tat-tikkettar fil-katina tal-provvista. L-importaturi jew id-distributuri se jkollhom il-possibbiltà li jwajhlu tikketta fiżika fuq il-prodott fertilizzanti tal-UE direttament bil-lingwi uffiċjali meħtieġa fis-sitwazzjoni speċifika tagħhom. Barra minn hekk, il-kostijiet tat-tikkettar jistgħu jiġu evitati fil-każ ta' taħlit, imballaġġ jew imballaġġ mill-ġdid tal-prodotti fertilizzanti tal-UE, għax il-prodotti jistgħu jiġu tikkettati b'tikketta fiżika darba biss, qabel ma jaslu għand l-utenti finali. Peress li l-prodotti jiġu fornuti lill-operaturi ekonomiċi, il-komunikazzjoni tal-informazzjoni lill-utenti finali mhix affettwata. Meta l-operaturi ekonomiċi jagħżlu li jipprovdu tikketta fiżika appartit-tikketta diġitali, jenħtieġ li dawn ikunu liberi jiddeċiedu liema elementi tat-tikkettar għandhom jinkludu f'dik it-tikketta fiżika.

## Emenda 7

### Proposta għal regolament Premessa 8

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(8) It-tikketti fiżiċi jibqgħu l-mod

#### *Emenda*

(7) L-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jitħallew jipprovdu l-elementi kollha tat-tikkettar imsemmija fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2019/1009 fuq tikketta diġitali biss għall-prodotti fertilizzanti tal-UE fornuti lil operaturi ekonomiċi oħra, f'imballaġġ jew mingħajru. L-użu tat-tikketti diġitali f'każijiet bħal dawn jista' jnaqqas **l-iskart u l-kostijiet** tat-tikkettar fil-katina tal-provvista. L-importaturi jew id-distributuri se jkollhom il-possibbiltà li jwajhlu tikketta fiżika fuq il-prodott fertilizzanti tal-UE direttament bil-lingwi uffiċjali meħtieġa fis-sitwazzjoni speċifika tagħhom. Barra minn hekk, il-kostijiet tat-tikkettar jistgħu jiġu evitati fil-każ ta' taħlit, imballaġġ jew imballaġġ mill-ġdid tal-prodotti fertilizzanti tal-UE, għax il-prodotti jistgħu jiġu tikkettati b'tikketta fiżika darba biss, qabel ma jaslu għand l-utenti finali. Peress li l-prodotti jiġu fornuti lill-operaturi ekonomiċi, il-komunikazzjoni tal-informazzjoni lill-utenti finali mhix affettwata. Meta l-operaturi ekonomiċi jagħżlu li jipprovdu tikketta fiżika appartit-tikketta diġitali, jenħtieġ li dawn ikunu liberi jiddeċiedu liema elementi tat-tikkettar għandhom jinkludu f'dik it-tikketta fiżika **f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1009**.

#### *Emenda*

(8) It-tikketti fiżiċi jibqgħu l-mod

ippreferut kif tinkiseb l-informazzjoni għall-utenti finali għax billi jitwaħħlu fuq l-imballaġġ, dawn it-tikketti fiżiċi joffru aċċess immedjat għall-informazzjoni. Barra minn hekk, il-maġġoranza l-kbira tal-prodotti fertilizzanti tal-UE disponibbli fis-suq jintużaw minn utenti professjonali, bħall-bdiewa. Filwaqt li l-utenti professjonali huma midħla sew tal-prodotti fertilizzanti u spiss jistrieħu fuq il-konsulenza għall-pjanijiet tal-fertilizzazzjoni tagħhom, dawn għandhom it-tendenza li jappartjenu għal gruppi ta' età aktar avvanzati u b'inqas ħiliet diġitali.

ippreferut kif tinkiseb **informazzjoni ewlenija dwar is-sikurezza u l-użu tal-prodotti fertilizzanti tal-UE** għall-utenti finali għax billi jitwaħħlu fuq l-imballaġġ, dawn it-tikketti fiżiċi joffru aċċess immedjat **affidabbli** għall-informazzjoni. Barra minn hekk, il-maġġoranza l-kbira tal-prodotti fertilizzanti tal-UE disponibbli fis-suq jintużaw minn utenti professjonali, bħall-bdiewa **u l-kuntratturi agrikoli**. Filwaqt li l-utenti professjonali huma midħla sew tal-prodotti fertilizzanti u spiss jistrieħu fuq il-konsulenza għall-pjanijiet tal-fertilizzazzjoni tagħhom, dawn għandhom it-tendenza li jappartjenu għal gruppi ta' età aktar avvanzati u b'inqas ħiliet diġitali **u jafu jiltaqgħu ma' diffikultajiet meta jaċċessaw it-tikketti diġitali. Minbarra dan, ir-reġjuni rurali inqas żviluppati jistgħu jiffaċċjaw aċċess li jvarja għall-internet fl-għalqa jew fl-azjenda agrikola.**

## Emenda 8

### Proposta għal regolament Premessa 9

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(9) Għaldaqstant, meta l-operaturi ekonomiċi jagħżlu t-tikkettar diġitali għall-prodotti fertilizzanti tal-UE fornuti lill-utenti finali f'imballaġġ, jenħtieġ li jiżguraw li t-tikketta fiżika tkun tinkludi wkoll sett minimu ta' informazzjoni. F'dan il-kuntest u fir-rigward ta' regoli oħra speċifiċi għall-prodotti magħmula disponibbli f'imballaġġ, jenħtieġ li l-imballaġġ ma jkunx fih 1000 kg b'koerenza mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011<sup>24</sup>. Il-prodotti fornuti f'imballaġġ li jaqbeż dan il-limitu jenħtieġ li jitqiesu bħala fornuti bla imballaġġ għall-finijiet tar-Regolament (UE) 2019/1009. Dan se jindirizza wkoll l-isfidi li jistgħu jiffaċċjaw il-gruppi vulnerabbli tal-popolazzjoni. Għalhekk, l-

#### *Emenda*

(9) Għaldaqstant, meta l-operaturi ekonomiċi jagħżlu t-tikkettar diġitali għall-prodotti fertilizzanti tal-UE fornuti lill-utenti finali f'imballaġġ, jenħtieġ li jiżguraw li t-tikketta fiżika tkun tinkludi wkoll sett minimu ta' informazzjoni **ewlenija dwar is-sikurezza u l-użu tal-prodott**. F'dan il-kuntest u fir-rigward ta' regoli oħra speċifiċi għall-prodotti magħmula disponibbli f'imballaġġ, jenħtieġ li l-imballaġġ ma jkunx fih **aktar minn** 1 000 kg b'koerenza mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011<sup>24</sup> **biex jiżgura li kwantitajiet akbar, tipikament użati f'ambjenti industrijali, huma ttrattati b'mod differenti minn pakketti orjentati lejn il-konsumatur**. Il-prodotti fornuti

informazzjoni speċifika li l-operaturi ekonomiċi għandhom jitħallew jipprovd u fuq it-tikketta diġitali biss jenħtieġ li tkun tirrifletti l-istat attwali tad-diġitalizzazzjoni tas-soċjetà u s-sitwazzjoni partikolari tal-utenti tal-prodotti fertilizzanti tal-UE. Biex l-utenti finali kollha jkunu jistgħu jagħmlu għażliet infurmati qabel ma jixtru l-prodotti fertilizzanti tal-UE u biex jiżguraw l-immaniġġar u l-użu sikur ta' dawn il-prodotti mill-gruppi kollha tal-utenti finali, jenħtieġ li l-informazzjoni tat-tikkettar dwar il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, **u** l-informazzjoni minima dwar l-effiċjenza agronomika tal-prodotti fertilizzanti tal-UE u dwar il-kontenut u l-użu tagħhom, tingħata dejjem fuq it-tikketta fiżika. Ir-Regolament (UE) 2019/1009 jenħtieġ li jindika b'mod ċar liema informazzjoni tista' tingħata b'mod diġitali biss.

f'imballaġġ li jaqbeż dan il-limitu jenħtieġ li jitqiesu bħala fornuti bla imballaġġ għall-finijiet tar-Regolament (UE) 2019/1009. Dan se jindirizza wkoll l-isfidi li jistgħu jiffaċċaw il-gruppi vulnerabbli tal-popolazzjoni. Għalhekk, l-informazzjoni speċifika li l-operaturi ekonomiċi għandhom jitħallew jipprovd u fuq it-tikketta diġitali biss jenħtieġ li tkun tirrifletti l-istat attwali tad-diġitalizzazzjoni tas-soċjetà u s-sitwazzjoni partikolari tal-utenti tal-prodotti fertilizzanti tal-UE **u tirrikonoxxi li bażi ta' utenti wiesgħa hija kruċjali**. Biex l-utenti finali kollha jkunu jistgħu jagħmlu għażliet infurmati qabel ma jixtru l-prodotti fertilizzanti tal-UE u biex jiżguraw l-immaniġġar u l-użu sikur ta' dawn il-prodotti mill-gruppi kollha tal-utenti finali, jenħtieġ li l-informazzjoni tat-tikkettar dwar **is-sikurezza**, il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem **u tal-annimali**, u tal-ambjent **u l-impatt tal-fertilizzant, inkluż il-proċess ta' produzzjoni tiegħu, kif ukoll** l-informazzjoni minima dwar l-effiċjenza agronomika **u agroekoloġika** tal-prodotti fertilizzanti tal-UE u dwar il-kontenut u l-użu tagħhom, tingħata dejjem fuq it-tikketta fiżika. **Jenħtieġ li t-tikketti diġitali jinkludu wkoll informazzjoni dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra relatati mal-proċess ta' produzzjoni. Approċċ doppju għat-tikkettar diġitali u fiżiku jiżgura li filwaqt li wieħed jimxi lejn futur diġitali, ma jħallix lura lil dawk li jiddependu fuq mezzi tradizzjonali ta' informazzjoni.** Ir-Regolament (UE) 2019/1009 jenħtieġ li jindika b'mod ċar liema informazzjoni tista' tingħata b'mod diġitali biss.

---

<sup>24</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 tal-25 ta' Frar 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li

---

<sup>24</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 tal-25 ta' Frar 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li

jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi skont dik id-Direttiva (ĠU L 54, 26.2.2011, p. 1).

jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi skont dik id-Direttiva (ĠU L 54, 26.2.2011, p. 1).

## Emenda 9

### Proposta għal regolament Premessa 10

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(10) Għall-prodotti fertilizzanti tal-UE fornuti bla imballaġġ, l-operaturi ekonomiċi għandhom jipprovdu l-elementi tat-tikkettar f'fuljett. Il-fuljett, għall-kuntrarju tat-tikketti fiżiċi, m'għandux rabta fiżika mal-prodott innifsu u għalhekk ma jagħtix aċċess immedjat għall-informazzjoni rilevanti dwar il-prodott meta jkun qed jiġi mmaniġġjat. L-għoti tal-istess elementi tat-tikkettar b'format diġitali jimplika aġġustament tal-mod kif tinkiseb l-informazzjoni ***bla ma jinħolqu riskji sinifikanti*** għall-utenti. Għalhekk, l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jitħallew jipprovdu l-elementi kollha tat-tikkettar imsemmija fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2019/1009 fuq tikketta diġitali għall-prodotti fertilizzanti tal-UE fornuti bla imballaġġ biss. Meta l-operaturi ekonomiċi jagħżlu li jipprovdu tikketta fiżika apparti t-tikketta diġitali, jenħtieġ li dawn ikunu liberi jiddeċiedu liema elementi tat-tikkettar għandhom jinkludu f'dik it-tikketta fiżika.

#### *Emenda*

(10) Għall-prodotti fertilizzanti tal-UE fornuti bla imballaġġ, l-operaturi ekonomiċi għandhom jipprovdu l-elementi tat-tikkettar f'fuljett ***biex jiżguraw li anke mingħajr imballaġġ dirett, l-informazzjoni essenzjali xorta tkun aċċessibbli għall-utent, inklużi dawk li ma għandhomx ħiliet bażiċi fil-litteriżmu***. Il-fuljett, għall-kuntrarju tat-tikketti fiżiċi, m'għandux rabta fiżika mal-prodott innifsu u għalhekk ma jagħtix aċċess immedjat għall-informazzjoni rilevanti dwar il-prodott meta jkun qed jiġi mmaniġġjat, ***iżda jrid iservi ta' pont bejn il-prodott u l-utent, b'tali mod li jiżgura li d-dettalji vitali ma jintilfux***. L-għoti tal-istess elementi tat-tikkettar b'format diġitali jimplika aġġustament tal-mod kif tinkiseb l-informazzjoni ***li huwa ġustifikat ladarba r-riskji*** għall-utenti ***jiġu indirizzati u mmitigati kif xieraq***. ***Il-format diġitali jenħtieġ li jkun flessibbli, armonizzat u aġġornat f'ħin reali, filwaqt li jiġi żgurat li l-utenti jkunu jistgħu jaċċessaw l-aktar informazzjoni attwali***. Għalhekk, l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jitħallew jipprovdu l-elementi kollha tat-tikkettar imsemmija fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2019/1009 fuq tikketta diġitali għall-prodotti fertilizzanti tal-UE fornuti bla imballaġġ biss. Meta l-operaturi ekonomiċi jagħżlu li jipprovdu tikketta fiżika apparti t-tikketta diġitali, jenħtieġ li dawn ikunu liberi jiddeċiedu liema elementi tat-



tikkettar għandhom jinkludu f' dik it-tikketta fiżika, *filwaqt li jqisu l-ħtieġa li jiġi inkluż sett minimu ta' informazzjoni rilevanti, f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1009.*

## Emenda 10

### Proposta għal regolament

#### Premessa 11

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(11) Biex ikun żgurat ambjent ekwu fost l-operaturi ekonomiċi li jagħmlu disponibbli l-prodotti fertilizzanti tal-UE fis-suq, u biex jiġu protetti l-utenti finali ta' dawn il-prodotti, jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti tat-tikkettar diġitali.

##### *Emenda*

(11) Biex ikun żgurat ambjent ekwu fost l-operaturi ekonomiċi li jagħmlu disponibbli l-prodotti fertilizzanti tal-UE fis-suq, u biex jiġu protetti l-utenti finali ta' dawn il-prodotti, jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti **armonizzati** tat-tikkettar diġitali.

## Emenda 11

### Proposta għal regolament

#### Premessa 12

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(12) Biex ikun żgurat li l-utenti jirċievu l-elementi kollha tat-tikkettar fuq it-tikketta diġitali u ma jkollhomx bżonn jiġbru l-informazzjoni kemm minn tikketta fiżika kif ukoll minn tikketta diġitali, l-operaturi ekonomiċi li jużaw tikketta diġitali jenħtieġ li jkunu meħtieġa jinkludu kull element tat-tikkettar bħal dan fuq dik it-tikketta, anki jekk ikunu inklużi wkoll fuq it-tikketta fiżika. It-tikketta diġitali jenħtieġ li tinkludi wkoll informazzjoni li tippermetti lill-utenti finali jidentifikaw u jikkuntattjaw lill-manifattur tal-prodotti fertilizzanti tal-UE, għax din hi informazzjoni essenzjali u l-għoti tagħha b' mod diġitali jiffaċilita r-rabta bejn il-prodott u t-tikketta diġitali. Barra minn hekk, peress li l-prodotti fertilizzanti jitqiegħdu fis-suq ukoll bħala prodotti mhux armonizzati, hu **importanti** li fuq it-tikketta diġitali titniżżel il-marka

##### *Emenda*

(12) Biex ikun żgurat li l-utenti jirċievu l-elementi kollha tat-tikkettar fuq it-tikketta diġitali u ma jkollhomx bżonn jiġbru l-informazzjoni kemm minn tikketta fiżika kif ukoll minn tikketta diġitali, l-operaturi ekonomiċi li jużaw tikketta diġitali jenħtieġ li jkunu meħtieġa jinkludu kull element tat-tikkettar bħal dan fuq dik it-tikketta, anki jekk ikunu inklużi wkoll fuq it-tikketta fiżika **biex jiġi żgurat sors uniku għall-informazzjoni neċessarja kollha.** It-tikketta diġitali jenħtieġ li tinkludi wkoll informazzjoni li tippermetti lill-utenti finali jidentifikaw u jikkuntattjaw lill-manifattur tal-prodotti fertilizzanti tal-UE **u, meta jkun xieraq, l-importatur u l-persuna responsabbli fl-Unjoni kif definit fir-Regolament (UE) 2023/988, għax din hi informazzjoni essenzjali peress li huwa neċessarju li jkun hemm linja ta'**

CE u ssir kull referenza korrispondenti għall-korp notifikat, ħalli l-utenti finali jkunu jistgħu jiddeduċu sempliċiment billi jużaw it-tikketta diġitali li l-prodott qed jiġi kummerċjalizzat f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1009. Madankollu, biex jiġi ffaċilitat l-aġġornament ta' ċerta informazzjoni li jridu jagħtu l-manifatturi, li tinbidel sikwit u li ma tintużax kuljum mill-utenti finali (***b'mod aktar preċiż***, in-numru tal-lott u d-data tal-produzzjoni), il-manifatturi jenħtieġ li jkollhom ***l-għażla*** li jipprovdu l-informazzjoni fuq tikketta fiżika jew diġitali.

***komunikazzjoni diretta biex tissaħħaħ il-fiduċja u t-trasparenza*** u l-għoti tagħha b'mod diġitali jiffaċilita r-rabta bejn il-prodott u t-tikketta diġitali ***kif ukoll bejn il-manifattur u l-utent finali***. Barra minn hekk, peress li l-prodotti fertilizzanti jitqiegħdu fis-suq ukoll bħala prodotti mhux armonizzati, hu ***kruċjali*** li fuq it-tikketta diġitali titniżżel il-marka CE u ssir kull referenza korrispondenti għall-korp notifikat, ħalli l-utenti finali jkunu jistgħu jiddeduċu sempliċiment billi jużaw it-tikketta diġitali li l-prodott qed jiġi kummerċjalizzat f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1009. Madankollu, biex jiġi ffaċilitat l-aġġornament ta' ċerta informazzjoni li jridu jagħtu l-manifatturi, li tinbidel sikwit u li ma tintużax kuljum mill-utenti finali (***speċifikament***, in-numru tal-lott u d-data tal-produzzjoni), il-manifatturi jenħtieġ li jkollhom ***l-opzjoni*** li jipprovdu l-informazzjoni fuq tikketta fiżika jew diġitali ***abbażi tal-flessibilità li jenħtieġ li twassal għal aktar aġġornamenti fil-pront u preċiżi, li minnhom jibbenefikaw kemm il-manifatturi kif ukoll l-utenti finali***.

## Emenda 12

### Proposta għal regolament Premessa 13

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(13) Peress li t-tikketti diġitali, l-istess bħat-tikketti fiżiċi, huma mezz biex tingħata l-informazzjoni obligatorja dwar il-prodotti fertilizzanti tal-UE lill-utenti, l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jiżguraw aċċess liberu għat-tikketti diġitali. Barra minn hekk, u biex jiżdiedu ċ-ċansijiet li l-utenti effettivament jiksbu l-informazzjoni, l-informazzjoni mogħtija fuq it-tikketta diġitali jenħtieġ li tkun aċċessibbli faċilment. Jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi ma jħalltux l-informazzjoni meħtieġa skont ir-Regolament (UE) 2019/1009 ma'

#### *Emenda*

(13) Peress li t-tikketti diġitali, l-istess bħat-tikketti fiżiċi, huma mezz biex tingħata l-informazzjoni obligatorja dwar il-prodotti fertilizzanti tal-UE lill-utenti, l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jiżguraw aċċess liberu għat-tikketti diġitali ***sad-data ta' skadenza tal-prodott fertilizzanti tal-UE, jew għal perjodu ta' għaxar (10) snin għal dawk il-prodotti li ma jkollhomx data ta' skadenza, mill-mument li l-prodott fertilizzanti tal-UE jitqiegħed fis-suq***. Barra minn hekk, u biex jiżdiedu ċ-ċansijiet li l-utenti effettivament jiksbu l-

informazzjoni oħra mhux mitluba mir-Regolament (UE) 2019/1009, bħal dikjarazzjonijiet kummerċjali jew ta' kummerċjalizzazzjoni. L-ispazju diġitali m'għandux limiti spazjali li huma tipiċi għat-tikketti fiżiċi mwaħħla fuq l-imballaġġ. Għalhekk hu importanti li l-elementi tat-tikkettar mogħtija f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1009 jinżammu kkonċentrati f'post wieħed ħalli jkunu jistgħu jinstabu faċilment fost informazzjoni varja oħra li jistgħu jipprovdu l-operaturi ekonomiċi. Jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi jiżguraw ukoll li t-tikketti diġitali jiġu ppreżentati b'mod li jqis il-ħtiġijiet tal-gruppi vulnerabbli tal-popolazzjoni ħalli jkomplu jitnaqqsu l-isfidi li dawn il-gruppi jistgħu jaffaċċaw.

informazzjoni, l-informazzjoni mogħtija fuq it-tikketta diġitali jenħtieġ li tkun aċċessibbli faċilment ***għall-utenti finali fl-Unjoni permezz ta' teknoloġiji diġitali użati b'mod wiesa' u kompatibbli mas-sistemi operattivi u l-browsers ewlenin kollha, u jiġi żgurat li l-aċċess għat-tikketta ma jirrikjedi l-ebda password, reġistrazzjoni, u lanqas applikazzjoni speċifika u filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet tal-gruppi vulnerabbli.*** Jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi ma jħalltux l-informazzjoni meħtieġa skont ir-Regolament (UE) 2019/1009 ma' informazzjoni oħra mhux mitluba mir-Regolament (UE) 2019/1009, bħal dikjarazzjonijiet kummerċjali jew ta' kummerċjalizzazzjoni. L-ispazju diġitali m'għandux limiti spazjali li huma tipiċi għat-tikketti fiżiċi mwaħħla fuq l-imballaġġ. Għalhekk hu importanti li l-elementi tat-tikkettar mogħtija f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1009 jinżammu kkonċentrati f'post wieħed ħalli jkunu jistgħu jinstabu faċilment fost informazzjoni varja oħra li jistgħu jipprovdu l-operaturi ekonomiċi. Jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi jiżguraw ukoll li t-tikketti diġitali jiġu ppreżentati b'mod li jqis il-ħtiġijiet tal-gruppi vulnerabbli tal-popolazzjoni, ***b'mod partikolari l-persuni b'diżabbiltà,*** ħalli jkomplu jitnaqqsu l-isfidi li dawn il-gruppi jistgħu jaffaċċaw. ***Fl-istess ħin, il-fatt li t-tikketti diġitali ma għandhomx limitazzjonijiet ta' spazju jipprovdi wkoll opportunità biex tiġi pprovduta informazzjoni addizzjonali rigward l-użu tal-prodott fertilizzanti tal-UE, bħal rakkomandazzjonijiet u l-aħjar Prattiki biex jiġi limitat it-telf tan-nutrijenti. Għalhekk, jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi jkollhom il-possibbiltà li jipprovdu din l-informazzjoni fit-tikketta diġitali.***

## Emenda 13

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 14**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(14) Filwaqt li jitqies l-interess tal-utenti li jkollhom aċċess għal informazzjoni dwar il-prodotti fertilizzanti tal-UE b'ħajja fuq l-ixkaffa relattivament twila, daqskemm l-interess tal-operaturi ekonomiċi li jevitaw il-kostijiet mhux meħtieġa, l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jiżguraw li t-tikketta diġitali tkun disponibbli għal perjodu ta' **ħames (5)** snin mill-mument meta **l-prodott fertilizzanti tal-UE** jitqiegħed fis-suq.

*Emenda*

(14) Filwaqt li jitqies l-interess tal-utenti li jkollhom aċċess għal informazzjoni dwar il-prodotti fertilizzanti tal-UE b'ħajja fuq l-ixkaffa relattivament twila, daqskemm l-interess tal-operaturi ekonomiċi li jevitaw il-kostijiet mhux meħtieġa, l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jiżguraw li t-tikketta diġitali tkun disponibbli **sad-data ta' skadenza tal-prodott fertilizzanti tal-UE, jew, jekk il-prodott fertilizzanti tal-UE ma jkollux data ta' skadenza,** għal perjodu ta' **għaxar (10)** snin mill-mument meta **dak il-prodott fertilizzanti tal-UE** jitqiegħed fis-suq.

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 16**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(16) Ir-rekwiżiti għad-dokumentazzjoni teknika stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament (UE) 2019/1009 jenħtieġ li jiġu aġġustati biex titqies l-introduzzjoni tat-tikketti diġitali. Barra minn hekk, filwaqt li titqies il-possibbiltà li tingħata biss tikketta diġitali għall-prodotti fertilizzanti tal-UE magħmula disponibbli għal min iħallat, biex teħfief is-sorveljanza tas-suq, id-dokumentazzjoni teknika tat-taħlitiet tal-prodotti fertilizzanti jenħtieġ li tkun tinkludi kampjun tal-informazzjoni mogħtija skont l-Anness III tar-Regolament (UE) 2019/1009 dwar il-prodotti fertilizzanti komponenti tal-UE.

*Emenda*

(16) Ir-rekwiżiti għad-dokumentazzjoni teknika stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament (UE) 2019/1009 jenħtieġ li jiġu aġġustati biex titqies l-introduzzjoni tat-tikketti diġitali. **Minħabba n-natura li qed tevolvi tal-pjattaformi diġitali u l-ħtieġa għal aċċessibbiltà konsistenti, dawn l-aġġustamenti jenħtieġ li jiġu rieżaminati perġodikament.** Barra minn hekk, filwaqt li titqies il-possibbiltà li tingħata biss tikketta diġitali għall-prodotti fertilizzanti tal-UE magħmula disponibbli għal min iħallat, biex teħfief is-sorveljanza tas-suq, id-dokumentazzjoni teknika tat-taħlitiet tal-prodotti fertilizzanti jenħtieġ li tkun tinkludi kampjun tal-informazzjoni mogħtija skont l-Anness III tar-Regolament (UE) 2019/1009 dwar il-prodotti fertilizzanti komponenti tal-UE **biex jiġu żgurati li l-partijiet kollha kkonċernati, mill-manifatturi għall-utenti**

*finali neqsin minn litteriżmu bażiku, hiliel ta' numeriżmu u diġitali, jifhmu b' mod ċar il-komponenti tal-prodott u l-oriġini rispettivi tagħhom.*

## Emenda 15

### Proposta għal regolament Premessa 17

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(17) Biex ir-Regolament (UE) 2019/1009 jinżamm aġġornat mal-progress tekniku, ma' evidenza xjentifika ġdida u mal-evoluzzjoni tad-diġitalizzazzjoni tas-soċjetà, is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni biex tkun tista' tissupplimenta r-rekwiżiti għat-tikkettar diġitali u temenda l-Anness III b'rabta ma' liema elementi tat-tikkettar, l-operaturi ekonomiċi li jagħmlu l-prodotti fertilizzanti tal-UE disponibbli fis-suq f'imballaġġ għall-utenti finali jistgħu jipprovdu fuq tikketta diġitali biss. Hu partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa waqt li it-tnejn, inkluż fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016<sup>25</sup>. B' mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tnejn ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċievuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tnejn ta' atti delegati.

#### *Emenda*

(17) Biex ir-Regolament (UE) 2019/1009 jinżamm aġġornat mal-progress tekniku, ma' evidenza xjentifika ġdida u mal-evoluzzjoni tad-diġitalizzazzjoni tas-soċjetà, is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni biex tkun tista' tissupplimenta r-rekwiżiti għat-tikkettar diġitali u temenda l-Anness III b'rabta ma' liema elementi tat-tikkettar, l-operaturi ekonomiċi li jagħmlu l-prodotti fertilizzanti tal-UE disponibbli fis-suq f'imballaġġ għall-utenti finali jistgħu jipprovdu fuq tikketta diġitali biss. Hu partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa waqt li it-tnejn, inkluż fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016<sup>25</sup>. ***Huwa wkoll ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni tqis il-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati kollha matul il-ħidma preparatorja tagħha.*** B' mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tnejn ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċievuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tnejn ta' atti delegati.

## Emenda 16

### Proposta għal regolament

#### Premessa 18

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(18) Meta tistabbilixxi regoli aktar dettaljati dwar it-tikkettar diġitali, il-Kummissjoni jenħtieġ li tagħti attenzjoni partikolari lil regoli oħra tal-Unjoni dwar l-għoti tal-informazzjoni dwar prodotti jew sustanzi u taħlitiet b'format diġitali. Jenħtieġ li jkun possibbli li tiġi aċċessata l-informazzjoni kollha mitluba minn diversi regoli tal-Unjoni fi spazju diġitali wieħed ħalli l-utenti jkollhom aċċess faċli għall-informazzjoni kollha meħtieġa.

##### *Emenda*

(18) Meta tistabbilixxi regoli aktar dettaljati dwar it-tikkettar diġitali, il-Kummissjoni jenħtieġ li tagħti attenzjoni partikolari lil regoli oħra tal-Unjoni dwar l-għoti tal-informazzjoni dwar prodotti jew sustanzi u taħlitiet b'format diġitali. Jenħtieġ li jkun possibbli li tiġi aċċessata l-informazzjoni kollha mitluba minn diversi regoli tal-Unjoni fi spazju diġitali wieħed ħalli l-utenti jkollhom aċċess faċli għall-informazzjoni kollha meħtieġa. ***L-iżgurar ta' approċċ armonizzat f'setturi differenti se jissimplifika l-esperjenza tal-utent u jħeġġeġ il-fiduċja fis-sorsi ta' informazzjoni diġitali. Barra minn hekk, l-integrazzjoni ta' daww il-pjattaformi diġitali tipprowdi interfaċċa aktar komprensiva u faċli għall-utent, li tipprowwovi t-trasparenza tal-konsumatur u t-teħid ta' deċiżjonijiet infurmati.***

## Emenda 17

### Proposta għal regolament

#### Premessa 19

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(19) Meta tiġi biex tiddeċiedi liema elementi tat-tikkettar jistgħu jingħataw b'mod diġitali biss mill-operaturi ekonomiċi li jqiegħdu l-prodotti fertilizzanti tal-UE fis-suq f'imbagg għall-utenti finali, il-Kummissjoni jenħtieġ li tqis il-livell tar-rieda diġitali tal-utenti tal-prodotti fertilizzanti tal-UE u l-ħtieġa li l-użu ta' dawn il-prodotti jibqa' sikur għas-

##### *Emenda*

(19) Meta tiġi biex tiddeċiedi liema elementi tat-tikkettar jistgħu jingħataw b'mod diġitali biss mill-operaturi ekonomiċi li jqiegħdu l-prodotti fertilizzanti tal-UE fis-suq f'imbagg għall-utenti finali, il-Kummissjoni jenħtieġ li tqis il-livell tar-rieda diġitali tal-utenti tal-prodotti fertilizzanti tal-UE u l-ħtieġa li l-użu ta' dawn il-prodotti jibqa' sikur għas-saħħa tal-bniedem ***u tal-annimali, u għall-***

saħħa tal-bniedem u *l-ambjent*.

*ambjent, kif ukoll il-ħtieġa li tiġi żgurata d-disponibbiltà tat-tikketta diġitali sad-data ta' skadenza tal-prodotti fertilizzanti tal-UE, u, għal dawk il-prodotti li m'għandhomx data ta' skadenza, għal perjodu ta' mill-inqas għaxar (10) snin mill-mument li fih il-prodott fertilizzanti tal-UE jittqieghed fis-suq. Barra minn hekk, jenħtieġ li jittqies ix-xenarju diġitali li qed jevolvi, filwaqt li jiġi żgurat li hekk kif it-teknoloġija tadvanza, it-tikkettar diġitali jibqa' aċċessibbli u faċli għall-utent. Huwa kruċjali li jiġi vvalutat kontinwament ir-rispons mill-utent finali u mill-partijiet ikkonċernati biex jiġi żgurat li s-sistema tat-tikkettar diġitali tissodisfa l-ħtiġijiet tagħhom u tindirizza kwalunkwe tħassib emerġenti.*

## Emenda 18

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b

Regolament (UE) 2019/1009

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 16a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(16a) “mezz ta' data” tfisser simbolu ta' barcode lineari, simbolu bidimensjonali jew mezz ieħor għall-ġbir awtomatiku tad-data ta' identifikazzjoni li jkun leġibbli minn apparat;

*Emenda*

(16a) “mezz ta' data” tfisser simbolu ta' barcode lineari, simbolu bidimensjonali jew mezz ieħor għall-ġbir awtomatiku tad-data ta' identifikazzjoni **esternament viżibbli** li jkun leġibbli minn apparat;

## Emenda 19

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt c

Regolament (UE) 2019/1009

Artikolu 6 – paragrafu 7 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) b'lingwaġġ li **jista' jinftiehem** faċilment mill-utenti finali, **kif iddeterminat** mill-Istat Membru kkonċernat;

*Emenda*

(a) b'lingwaġġ **u format** li **jistgħu jinftiehem** faċilment mill-utenti finali, **u b'mod partikolari persuni b'diżabbiltà, li għandhom ikunu ddeterminati** mill-Istat

Membru kkonċernat;

## Emenda 20

### Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt c

Regolament (UE) 2019/1009

Artikolu 6 – paragrafu 7 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) ċari, jinftiehem **u** intelliġibbli;

*Emenda*

(b) ċari, jinftiehem, **preċiżi**, intelliġibbli **u mqiegħda b'mod prominenti fuq l-imballaġġ**;

## Emenda 21

### Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Regolament (UE) 2019/1009

Artikolu 6a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ca) Jiddaħħal l-Artikolu 6a li ġej:**

**“F’konformità mar-rekwiżiti rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 6(5), (6), u (7), u fl-Artikoli 11a, 11b u 11c, l-operatur ekonomiku jista’ jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) Nru 1907/2006 f’forma diġitali fuq l-imballaġġ jew id-dokument ta’ akkumpanjament, jew it-tnejn li huma, biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-informazzjoni.”**

## Emenda 22

### Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Regolament (UE) 2019/1009

Artikolu 8 – paragrafu 4 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) b’lingwaġġ li **jista’ jinftiehem**

*Emenda*

(a) b’lingwaġġ **u format** li **jistgħu**



faċilment mill-utenti finali, *kif iddeterminat* mill-Istat Membru kkonċernat;

*jinftiehm* faċilment mill-utenti finali, *u b'mod partikolari persuni b'diżabbiltà, li għandhom ikunu ddeterminati* mill-Istat Membru kkonċernat;

## Emenda 23

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**  
Regolament (UE) 2019/1009  
Artikolu 11b – paragrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**1a. It-tikketta diġitali tista' tinkludi rakkomandazzjonijiet u l-aħjar Prattiki għall-użu tal-prodott fertilizzanti tal-UE.**

## Emenda 24

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**  
Regolament (UE) 2019/1009  
Artikolu 11b – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(b) aċċessibbli faċilment u direttament, mingħajr il-bżonn li ssir reġistrazzjoni bil-quddiem, li titniżżel jew tiġi installata xi applikazzjoni jew li tiddaħħal xi password; aċċessibbli għall-utenti potenzjali kollha fl-Unjoni;

(b) aċċessibbli faċilment u direttament ***mis-sistemi operattivi u browsers maġġuri kollha***, mingħajr il-bżonn li ssir reġistrazzjoni bil-quddiem, li titniżżel jew tiġi installata xi applikazzjoni jew li tiddaħħal xi password; aċċessibbli għall-utenti potenzjali kollha fl-Unjoni; aċċessibbli għall-utenti potenzjali kollha fl-Unjoni;

## Emenda 25

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**  
Regolament (UE) 2019/1009  
Artikolu 11b – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt d

*Test propost mill-Kummissjoni*

(d) ippreżentata b’mod li jissodisfa wkoll il-ħtiġijiet tal-gruppi vulnerabbli u jappoġġa, kif rilevanti, l-adattamenti meħtieġa biex jeħfief l-aċċess minn daww il-gruppi;

*Emenda*

(d) ippreżentata b’mod li jissodisfa wkoll il-ħtiġijiet tal-gruppi vulnerabbli u jappoġġa, kif rilevanti, l-adattamenti meħtieġa biex jeħfief l-aċċess minn daww il-gruppi, ***b’mod partikolari daww li huma ffurmati minn persuni b’diżabbiltà;***

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**

Regolament (UE) 2019/1009

Artikolu 11b – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt e

*Test propost mill-Kummissjoni*

(e) disponibbli ***għal perjodu ta’ ħames (5) snin mill-mument meta l-prodott fertilizzanti tal-UE jitqiegħed*** fis-suq, inkluż fil-każ ta’ insolvenza, likwidazzjoni jew waqfien tal-attività fl-Unjoni tal-operatur ekonomiku li jkun ħoloqha;

*Emenda*

(e) disponibbli ***sad-data ta’ skadenza tal-prodott fertilizzanti tal-UE, jew, jekk il-prodott fertilizzanti tal-UE m’għandux data ta’ skadenza, għal perjodu ta’ għaxar (10) snin mill-mument li l-prodott fertilizzanti tal-UE ikun tqiegħed*** fis-suq, inkluż fil-każ ta’ insolvenza, likwidazzjoni jew waqfien tal-attività fl-Unjoni tal-operatur ekonomiku li jkun ħoloqha;

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**

Regolament (UE) 2019/1009

Artikolu 11b – paragrafu 3 – subparagrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

Meta t-tikketta diġitali tkun disponibbli b’aktar minn lingwa waħda, l-għażla tal-lingwi ma għandhiex tkun dipendenti fuq il-post ġeografiku.

*Emenda*

Meta t-tikketta diġitali tkun disponibbli b’aktar minn lingwa waħda, l-għażla tal-lingwi ma għandhiex tkun dipendenti fuq il-post ġeografiku ***biss.***

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**  
Regolament (UE) 2019/1009  
Artikolu 11b – Paragrafu 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. Il-mezz ta' data użat għal tikketta diġitali għandu jiġi stampat jew jitqiegħed fiżikament fuq l-imballaġġ jew, meta l-prodotti fertilizzanti tal-UE jsiru disponibbli fis-suq bla imballaġġ, fuq id-dokument jew il-fuljett mogħti miegħu, b'mod viżibbli, leġibbli u li jkun jista' jiġi ***pproċessat*** b'mod awtomatiku minn ***apparat*** diġitali.

*Emenda*

4. Il-mezz ta' data użat għal tikketta diġitali għandu jiġi stampat jew jitqiegħed fiżikament fuq l-imballaġġ jew, meta l-prodotti fertilizzanti tal-UE jsiru disponibbli fis-suq bla imballaġġ, fuq id-dokument jew il-fuljett mogħti miegħu, b'mod viżibbli, leġibbli, u li jkun jista' jiġi ***mifhum faċilment, li jkun aċċessibbli għall-gruppi vulnerabbli u l-persuni b'diżabbiltà u li jkun jippermetti li l-mezz ta' data jkun ipproċessat*** b'mod awtomatiku minn ***apparati*** diġitali.

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**  
Regolament (UE) 2019/1009  
Artikolu 11c – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. ***Meta jintalbu mill-utenti*** finali, jew mingħajr il-bżonn ta' talba meta t-tikketta diġitali ma tkunx disponibbli temporanjament fil-mument tax-xiri, l-operaturi ekonomiċi li jqiegħdu prodotti fertilizzanti tal-UE fis-suq għal dawn l-utenti finali għandhom jipprovdu l-informazzjoni inkluża fuq it-tikketta diġitali, b'mezzi alternattivi u bla ħlas.”;

*Emenda*

2. ***Fuq talba tal-utenti*** finali, jew mingħajr il-bżonn ta' talba meta t-tikketta diġitali ma tkunx disponibbli temporanjament fil-mument tax-xiri, l-operaturi ekonomiċi li jqiegħdu prodotti fertilizzanti tal-UE fis-suq għal dawn l-utenti finali għandhom jipprovdu l-informazzjoni inkluża fuq it-tikketta diġitali, b'mezzi alternattivi u bla ħlas ***sad-data ta' skadenza tal-prodott fertilizzanti tal-UE, jew, għal dawk il-prodotti li m'għandhomx data ta' skadenza, għal perjodu ta' għaxar (10) snin, mill-mument li fih il-prodott fertilizzanti tal-UE jkun tqiegħed fis-suq***”;

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5**  
Regolament (UE) 2019/1009  
Artikolu 42 – paragrafu 9 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) thegġegħ l-innovazzjoni;

*Emenda*

(b) thegġegħ l-innovazzjoni *u l-użu ta' teknoloġija mill-aktar avvanzata*;

### **Emenda 31**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5**  
Regolament (UE) 2019/1009  
Artikolu 42 – paragrafu 9 – punt ea (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ea) tqis ir-rekwiżit f'dan ir-Regolament li tipprova l-informazzjoni sad-data ta' skadenza tal-prodott fertilizzanti tal-UE, jew għal dawk il-prodotti li ma jkollhomx data ta' skadenza, għal perjodu ta' għaxar (10) snin mill-mument li l-prodott fertilizzanti tal-UE jkun tqiegħed fis-suq;*

### **Emenda 32**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5**  
Regolament (UE) 2019/1009  
Artikolu 42 – paragrafu 9 – punt eb (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(eb) tqis it-tisħiħ tal-moviment liberu tal-merkanzija fis-suq intern;*

### **Emenda 33**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5**  
Regolament (UE) 2019/1009  
Artikolu 42 – paragrafu 9 – punt ec (ġdid)

*(ec) tqis il-ħtiġijiet u l-kapaçità tal-SMEs li jikkonformaw ma' tali rekwiżiti;*

### Emenda 34

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5**  
Regolament (UE) 2019/1009  
Artikolu 42 – paragrafu 10

*Test propost mill-Kummissjoni*

10. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 44 biex temenda l-Anness III, fir-rigward tal-informazzjoni tat-tikkettar li l-operaturi ekonomiçi **jistgħu** jipprovdu biss fuq tikketta diġitali f'konformità mal-Artikolu 11a(3), **il-punt (b)**, biex tadatta dak l-Anness mal-progress tekniku u xjentifiku jew mal-livell tar-rieda diġitali tal-utenti finali tal-prodotti fertilizzanti tal-UE. Meta tadotta l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha tqis il-ħtieġa li jkun żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent.”;

*Emenda*

10. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 44 biex temenda l-Anness III, fir-rigward tal-informazzjoni tat-tikkettar li l-operaturi ekonomiçi **jagħżlu li** jipprovdu biss fuq tikketta diġitali f'konformità **mad-deroga fl-Artikolu 11a(3), it-tieni subparagrafu**, biex tadatta dak l-Anness mal-progress tekniku u xjentifiku jew mal-livell tar-rieda diġitali tal-utenti finali tal-prodotti fertilizzanti tal-UE. Meta tadotta **dawk** l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha tqis il-ħtieġa li jkun żgurat livell għoli ta' protezzjoni **tas-sikurezza**, tas-saħħa tal-bniedem **u tal-annimali**, u tal-ambjent.”;

### Emenda 35

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5**  
Regolament (UE) 2019/1009  
Artikolu 42 – paragrafu 10a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**10a. Sa ... [ħames (5) snin wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament], il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament u b'mod partikolari tivvaluta:**  
**- l-impatt tiegħu fuq il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, il-livell ta'**

*protezzjoni tal-konsumatur u l-impatt tiegħu fuq in-negozji, b'mod partikolari fuq l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju;*

*- l-impatt tal-Artikolu 11a b'mod partikolari l-punt sa fejn l-operaturi ekonomiċi għażlu l-użu ta' tikketta diġitali minflok dik fiżika.*

*Il-Kummissjoni għandha tabbozza rapport dwar is-sejbiet ewlenin u tissottomettih lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, u lill-Kumitat tar-Reġjuni. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa lill-Kummissjoni għat-thejjja ta' dak ir-rapport.*

*Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, meta jkun xieraq, bi proposta leġiżlattiva.*